# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**tlettax (13) ta’ Frar 2020**

**Rikors Numru 897/19 FDP**

Fl-atti tal-

**Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru 1037/18**
fl-ismijiet

**Alfred Schembri (ID 459490M)**

**Vs**

**Johan Schembri (ID 556577M)**
**Jocas Limited (C 66963)**
**Soutwin Properties Limited (C 40933)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors revoka ta’ Johann Schembri fejn ir-rikorrenti talab lil Qorti sabiex:

   *(i)* *Tiddikjara li hemm depożitati flejjes iktar mill-ammont indikat fil-mandat intavolat minn Alfred Schembri u konsegwentement tiddikjara li hemm ammont depożitati ta’ €5,595.30 iktar mill-ammont pretiż u kawtelat bil-mandat surreferit;*

(ii) *Konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti Johann Schembri jiżbanka l-ammont ta' €5,595.30 miċ-ċedola 1418/2018 fl-ismijiet surreferiti;*

(iii) *Ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) tirrevoka il-mandat bil-kondizzjoni li l-ammonti rimanenti depożitati fl-ammont ta' €100,589.21 jservu bħala garanzija għall-pretensjoni tas-sekwestrant Alfred Schembri fil-konfront ta' Johann Schembri.*

2. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2018, Alfred Schembri rrisponda għat-talba fuq deskritta billi qal li huwa jirrimetti ruħu għal deċiżjoni finali ta' dina l-Qorti filwaqt illi oġġezzjona għall-allegazzjoni illi ma tax il-kunsens tiegħu għall-kontro mandat, billi saħaq li ċ-ċedola 1375/2019 qatt ma ġiet lilu notifikata u qatt ma ġie avviċinat sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għar-revoka.

3. Rat illi, kontestwalment mar-rikors odjern, dina l-Qorti qiegħda ukoll tiddeċiedi l-meritu tar-Rikors Revoka Nru 850/2018, intavolat kemm minn Johann Schembri, kif ukoll mis-soċjetajiet Jocas Limited u Soutwin Properties Limited, u għalhekk il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjonijiet il-konklużjonijet minnha milħuqa f'tali Rikors 850/2018 meta tikkunsidra l-meritu tar-rikors odjern.

4. Rat illi jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri odjerni gew ippreżentati varji Ċedoli ta' Depożitu bi flejjes appartenenti lil Johann Schembri fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru odjern, ossija s-segwenti:

    a. **Ċedola 1418/18** li permezz tagħha ġew depożitati:
        i. €7,100.01 appartenenti lil Johann Schembri

    b. **Ċedola 1594/18** li permezz tagħha ġew depożitati €23,499.57 appartenenti lil Johann Schembri

    c. **Ċedola 1375/19** li permezz tagħha ġew depożitati €75,584.93 appartenenti lil Johann Schembri

5. Rat illi għalhekk, fil-mori tal-proċeduri odjerni, ġew iddepożitati €106,184.51 appartenenti lil Johann Schembri

6. Rat illi l-Mandat ta' Sekwestru Nru 1037/18, meritu tal-proċeduri odjerni, kien maħruġ fil-konfront tar-rikorrenti kollha għall-valur ta' €100,589.21.

7. Rat illi, permezz ta' deċiżjoni ta' dina l-Qorti, meħuda llum stess, fl-atti tar-Rikors Revoka Nru 850/2018, il-Qorti iddeċidiet fil-konfront ta' talba tar-revoka ta' Johann Schembri billi qalet is-segwenti:

    ***Tilqa' t-talba limitatament*** *fil-konfront ta'* <u>*Johan Schembri*</u> *u ;*

*__Tirrevoka__ l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront ta' Johann Schembri wara illi qieset illi l-flejjes depożitati l-Qorti permezz ta' ċedoli ta' Depożitu Nru 1418/18, 1594/18 u 1375/19 huma garanzija xierqa sabiex jagħmlu tajjeb għall-pretenzjoni tas-sekwestrant Alfred Schembri, liema flejjes hekk iddepożitati ma għandhomx jiġu żbankati salv wara illi r-Rikors Ġuramentat 676/2018 FDP fl-ismijiet 'A__lfred Schembri vs Johan Schembri et__' jsir 'res ġudikat' jew abbażi ta' ordni oħra ta' dina l-Qorti.*

8. Rat illi mill-ammont vvantat mis-sekwestrant Alfred Schembri kontra Johann Schembri, ġew depożitati €5,595.30 aktar minn dak rikjest, u għalhekk dawna l-flejjes għandhom jiġu rilaxxjati lir-rikorrent.

## Konklużjoni

Wara illi rat id-dokumentazzjoni eżebita u ;

Wara illi semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet ;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenzi billi ;

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikkjara illi fl-atti tal-Mandat odjern hemm depożitati €5,595.30 aktar minn dak vvantat mis-sekwestrant Alfred Schembri fil-konfront ta' Johann Schembri.

**Tilqa' t-tieni talba** u tawtorizza lir-rikorrenti Johann Schembri jiżbanka l-ammont ta' €5,595.30 miċ-ċedola 1418/2018 fl-ismijiet tal-Mandat ta' Sekwestru odjern.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba stante illi ġia' deċiża fl-atti tar-Rikors 850/2018.

**Tordna** li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' din il-proċedura.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**